L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**MAFKAR F'ĠIEĦ KILIN INAWGURAT FIR-RABAT**

Nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2016 l-Akkademja tal-Malti u l-qraba ta' Mikiel Spiteri, magħruf bħala Kilin, organizzaw attività li matulha kixfu l-bust ta' Kilin. Dan il-bust jissimbolizza r-rabta ta' Kilin mar-Rabat u l-ħila immaġinattiva tiegħu li serqet għadd kbir ta' qarrejja. Fl-attività, miftuħa mill-qraba ta' Kilin, ħadu sehem il-Greenfields bil-kanzunetta "Il-Vapur tal-Art" li hija mnebbħa minn poeżija ta' Kilin stess. Qraw siltiet żgħar qrabatu u qarrejja oħra magħrufa, u għamlu kelmtejn tal-okkażjoni l-Ministru Evarist Bartolo li kixef il-lapida, u l-President tal-Akkademja, li tkellem fuq il-kontribut lingwistiku b'mod prolifiku ta' Kilin fil-ġurnali.

Fi tmiem l-attività nqrat silta minn *...The Island was called Melite* it-traduzzjoni ta' *Tinsiex, Publius Tinsiex* minn Kilin ukoll. L-edizzjoni bl-Ingliż se tkun għall-bejgħ mill-ħwienet ewlenin u d-dħul kollu se jmur għad-Dar tal-Providenza.

Wara l-marċ mill-Banda Konti Ruġġieru, li sellmet lil Kilin, id-Direttur tad-Dar tal-Providenza bierek il-bust, xogħol l-iskultur Rabti Joseph Scerri. Il-bust ġie ffinanzjat mill-Fond tal-Kawżi Ġusti u minn donaturi oħra, fosthom Trevor Żahra.

30 ta' Mejju 2016